QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur

Rikors numru 378/2015

Avukat Joseph Gauci (ID. 104671M) ghan-nom u in rapprezentanza ta' San Anton School, ta' L-Imselliet, l/o Zebbiegh MGR 2850

vs

Timothy Camilleri u Corinne Camilleri nee` Di Stefano

Illum, 25 t'Ottubru 2017.

Il-Qorti;

Rat r-rikors tas-soċjetà rikorrenti permezz ta' liema talbet l-intimati jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu ikkundannati:

> Prevja kull dikjarazzjoni neccessarja thallsu lill-attur s-somma ta' Euro 6,318.00, rapprezentanti bilanc rimanenti minn somma

akbar rapprezentanti mizati u/jew servizzi ancillari u spejjez ohra dovuti lill-attur ghal servizzi rezi lilkhom fuq talba taghkom u konsistenti f'diversi fatturi mibghuta lilek, liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra legali ta' l-10 ta' Awwissu 2015, ta' l-ittra Ufficjali Ezekuttiva u l-mandat ta' sekwestru Kawtelatorju li pprecedew dan l-att, flimkien ma' l-imghax legali mill-10 ta' Awwissu 2015 kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti:

1. Illi preliminarjament, it-talba ta' l-atturi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148(c) tal-Kodici Civili;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, it-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante li l-eccepjenti ma ghandhom ihallsu xejn lill-atturi;

3. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti kienu hallsu somma fl-ammont ta' c. €931.75 (LM400) (liema somma qatt ma giet ritornata lilhom) bhala depositu u ghaldaqstant, kemm il-darba jirrizulta li hemm xi ammont dovut, ghandha titnaqqas din is-somma li thallset.

Bl-ispejjez u salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjetà intimata.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza s-socjetà rikorrenti qed titlob hlas ta' bilanc ta' mizati dovut lilha.

L-intimati fost eccezzjonijiet ohra eccepew il-preskrizzjoni preliminarjament.

L-eccezzjoni taghhom tghid: "Illi preliminarjament, it-talba tal-atturi hija preskritta ai termini tal-artiklu 2148(ċ) tal-Kodici Civili".

L-Artiklu 2148(ċ) tal-Kodici Civili jghid:

> "L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:
> (ċ) l-azzjonijiet ta' dawk li għandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' tagħlim, ta' liema xorta jkunu, għall-ħlas tad-dritt tagħhom;"

Dan l-Artiklu ghalhekk huwa applikabbli ghal din il-kawza fejn is-socjetà rikorrenti qed titlob hlas ta' mizati ghall-edukazzjoni ta' iben l-intimati.

Illi s-socjetà rikorrenti tghid li l-azzjoni mhix preskritta ghaliex kien hemm qbil verbali bejn il-partijiet li l-ammont mitlub huwa dovut. Ghal dan il-ghan ressqet bhala prova 'statement' tal-kont Dok. A, a folio 2 tal-process, li juri li fit-08 t'Ottubru 2014 kien hemm bilanc ta' sitt elef tlett mija u tmintax-il Ewro (€6,318); kif ukoll imejl li s-surmast baghat lill-intimat Timothy Camilleri datat 13 ta' Frar 2015, a folio 36 tal-process, fejn is-surmast kiteb li l-ammont mitlub kellu jithallas f'zewg pagamenti.

L-intimat baqa' qatt ma wiegeb ghal din l-imejl u ghalhekk il-kliem uzat fl-istess imejl u cioe "as agreed" ma giex la maqbul, la konfermat u wisq anqas accettat mill-intimati. Ghalhekk ma jistax jinghad li tali imejl jirrifletti xi ftehim milhuq bejn il-partijiet.

Fil-fatt fil-kontro-ezami tieghu a folio 17A et sequitur tal-process, l-intimat xehed li hu qatt ma wiegeb dik l-imejl ghax qatt ma qabel mal-ammont mitlub. U jichad kategorikament li kien sar xi ftehim fuq il-bilanc mitlub. Jikkonferma illi l-ahhar pagament li sar kien f'Jannar 2014.

In oltre, 'statement of account' wahdu li l-ammont mitlub fih qatt ma gie accettat mill-intimati, ma jammontax ghall-prova li tista' tikser il-preskrizzjoni.

Illi ghalhekk, kuntrarju ghal dak li targumenta s-socjetà rikorrenti, qatt ma kien hemm ammissjoni li l-ammont mitlub mis-socjetà rikorrenti kien dovut da parti tal-intimati.

Illi mill-provi mressqa mis-socjetà rikorrenti jirrizulta li l-ittra ufficjali, a folio 20 et sequitur tal-process, giet notifikata lill-intimati fid-09 ta' Novembru 2015, jigifieri tnejn u ghoxrin xahar u nofs wara li sar l-ahhar pagament u ghalhekk il-preskrizzjoni taht l-Artiklu 2148(ċ) li hija ta' tmintax-il xahar ma gietx interrotta.

Ghalhekk iz-zmien stabbilit taht l-Artiklu 2148(ċ) sabiex tirnexxi eccezzjoni ta' preskrizzjoni taht dak l-Artiklu m'hemmx dubju li jirrizulta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati u jiddikjara l-azzjoni istitwita mis-socjetà rikorrenti preskritta. Spejjez a karigu tas-socjetà rikorrenti.

(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur